MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Numru 89/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)**

**Vs**

**Natal Fava ta' 54 sena iben Anthony u Maria nee' Debrincat, imwieled Sannat Ghawdex nhar il-15 ta' Mejju 1959, residenti fil-fond Garage No.7, Saint Francis Court, Triq Patri Anton Debono, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 29959(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Natal Fava li gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Settembru 2010 u fix-xhur ta' qabel gewwa Ghawdex u gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. kellu fil-pussess tieghu zewg armi tan-nar, kif ukoll munizzjoni minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha u dan ghad-detriment ta' Nadia Said.
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Nadia Said kellu fil-pussess tieghu ama tan-nar regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.
4. U aktar talli l-istess data, lok, hin u cirkustanzi verbalment hedded lil Nadia Said.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi qabad arma kontra l-persuna ta' Nadia Said.
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Nadia Said b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess Nadia Said.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2010, l-imputat ammetta l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu[1]. Illi anke mill-provi jirrizulta ippruvat illi l-imputat kellu zewg armi tan-nar fil-pussess tieghu, it-tnejn funzjonabbli, ghalkemm wahda

[1] Ara verbal a fol.5 tal-process

kienet *home-made*[2], liema armi tan-nar ma kenux illicenzjati skond il-ligi. Fil-pussess ta'l-imputat instab ammont ta munizzjoni ukoll minghajr licenzja tal-pulizija[3]. Kwindi il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dina l-ewwel akkuza.

Illi l-imputat huwa ukoll akkuzat bir-reat tal-fastidju jew hekk imsejjah "harassement" fil-konfront ta' Nadia Said li kienet l-ex-siehba tieghu. Jidher illi bejn l-imputat u Said kien hemm relazzjoni li kienet intemmet mill-istess Said madwar hmistax-il gurnata qabel sehh l-incident mertu ta' dina l-kawza. Said issostni illi l-imputat ma setax jaccetta dana il-fatt u beda isegwieha kullimkien u anke jibaghtilha xi messaggi intimidatorji fuq il-*mobile phone* taghha. Tghid illi kien hemm okkazzjoni madwar erba' xhur qabel ma intemmet din ir-relazzjoni fejn l-imputat kien anke heddidha b'arma tan-nar, liema arma tan-nar hija gharrfet bhala wahda min dawk elevati mill-pussess ta'l-imputat u esebieti in atti. Tghid illi kien heddidha bil-mewt kif ukoll li jaharqilha il-vettura taghha biha b'kollox go fiha. Hija issostni illi bdiet tibza' mill-imputat tant illi kienet anke ghamlet xi rapporti lill-pulizija dwar dana l-fatt. Fil-jum tal-11 ta' Settembru, fil-fatt hija kienet irrappurtat lill-pulizija illi Fava kien qed isegwieha. Fil-ghaxija hija harget ma' hutha u xi hbieb taghha.  Tghid illi hekk kif kienet hierga rat lil Fava barra id-dar taghha u kif raha ghadda minn hdejja bil-vettura tieghu b'velocita qawwija. Aktar tard matul is-serata meta wasslet il-Grotta diskoteka tghid illi hemmekk ukoll rat lil Fava ghaddej mill-vicinanzi taghha u tghid illi irceviet xi telefonati anonimi fuq it-telefon cellulari taghha fejn l-ebda persuna ma kellmitha meta wegbitu. Ghal habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu tghid illi telqu minn fuq il-post izda meta kienet sejra lura lejn id-dar bil-vettura taghha innotat illi kellha *puncture* fir-rota tal-vettura. Nizzlet flimkien ma' shaba sabiex ibiddlu it-*tyre*, izda filwaqt li kienu qed ibiddlu ir-rota wasslet ohtha flimkien ma' zewgha hdejn il-vettura taghha u avzatha li kien hemm l-imputat qed ighassisha ftit 'il boghod. Nadia Said fil-fatt tghid li lemhet lill-imputat ftit 'il boghod minnhom

[2] Ara rapport ta'l-espert Mario Farrugia Dokument MF a fol.199
[3] Ara xhieda tal-PS369 Joseph Mizzi a fol.68

qed ihares fid-direzzjoni taghha u bil-biza’ qalet lil shabha sabiex ihallu l-vettura taghha u jitilqu minn fuq il-post mill-iktar fis. Fil-fatt tghid illi rikkbet ma’ ohtha u l-gharus taghha u saqu minn fuq il-post u regghet marret taghmel rapport lill-pulizija. Meta wasslet id-dar tghid li stiednet zewgt ihbieb taghha jitilghu maghha fl-appartament ghaliex bdiet tibza’ torqod wahedha. Tghid illi qaghdu ipacpcu u ipejjpu sigarett fil-gallarija meta lemhet lill-imputat ghaddej bil-giri b’rasu baxxuta liebes beritta. Ftit tal-hin wara cemplulha il-pulizija u qalulha li l-vettura taghha kienet hadet in-nar. Tghid illi s-suspetti taghha waqghu fuq l-imputat. Wara dan il-pulizija arrestaw lill-imputat u ghamlu tfittxijiet fir-residenza u l-vettura tieghu fejn l-imputat ghaddielhom minn jeddu l-armi tan-nar li kellu fil-pussess tieghu.

L-imputat jigi arrestat u interrogat fejn huwa jinnega illi kien qed isewgi lill-ex-siehba tieghu u jinnega ukoll illi ta n-nar lill-vettura taghha. Ghalkemm jammetti illi huwa kien jnsab fl-akkwati tal-Grotta f’dik il-lejla, jinnega madanakollu li kien qed isegwi lil Said. Ighid illi huwa kien ser jidhol il-Grotta izda ra li ma kienx hemm nies tamparu fl-eta u iddecieda jinzel sax-Xlendi ipejjep sigarett u rega tela’ lura. Jinnega illi f’xi hin lemah lil Said fl-akkwati. Illi l-imputat ma jressaqx provi u lanqas jixhed fil-kawza.

Illi t-telefon cellulari ta’l-imputat gie elevat mill-pulizija u gie ezaminat mill-espert Dr. Martin Bajjada. Illi mir-rapport ta’l-espert jirrizulta illi kienu jigu skambjati diversi telefonati u *sms*es bejn l-imputat u Nadia Said. Illi mill-messaggi jirrizulta illi kien hemm certu animosita’ bejn il-partijiet ghalkemm fl-ebda messagg ma jirrizulta illi l-imputat kien qed ihedded lil Said bil-mewt. Illi fil-jum indikat fl-akkuza jirrizulta illi l-imputat cempel lil Said darbtejn ghal habta ta’ nofs in-nhar izda mhux fil-lejl ta’ bejn il-11 u it-12 ta’ Settembru 2010.

Ikkunsidrat,

Illi r-reat tal-fastidju u tal-*harassement* kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-

gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun “*a course of conduct*” u mhux incident wiehed u izolat. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta’ Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

“L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’: (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
"*Words, conduct or action (usu. r<u>epeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta’l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
*"…. f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien."*

Pero’, xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha.”

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti fl-atti jirrizulta indubbjament illi kien hemm certu animosita' bejn il-partijiet minhabba relazzjoni amoruza li kienet spiccat hazin. Il-parti leza kienet wriet ix-xewqa lill-imputat illi xtaqet íttemm ir-relazzjoni ta' bejniethom. Fil-fatt l-imputat kien telaq mir-residenza fejn kienu ighixu madwar gimghatejn qabel l-incident mertu tal-kawza. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi r-relazzjoni ta' bejn dawn it-tnejn minn nies ma kenitx intemmet b'mod amikevoli u li l-imputat kien irrabbjat mhux ftit ghal Said talli dina ma reditx taf iktar bih. Fil-fatt mill-messaggi li intbaghtu minnu lil Said jirrizulta illi huwa kien qieghed jallega illi hija kellha relazzjoni ma' persuna ohra. Illi l-parti leza tallega illi l-imputat kien isegwieha kontinwament tant illi anke bdiet tibza' minnu. Illi ghalkemm Ghawdex hija gzira zghira, madanakollu l-Qorti tqies illi huwa improbabbli li kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda fejn l-imputat kien proprju fl-istess post fejn kienet tkun Said. Dana ma jistax ifisser hlief li huwa kien qieghed isegwi l-passi taghha u ighaddi minn hdejha kull fejn tkun. Anke il-lejla mertu tal-kawza jirrizulta illi l-imputat ripetutament

ghadda minn fejn kienet tinsab Said tant illi fl-ahhar okkazzjoni sahansitra oht l-parti leza tghid illi ratu qieghed ighasses lil Said meta din waqqfet bil-vettura taghha meta kellha *puncture* fir-rota. Illi dan l-agir da parti ta'l-imputat ma jammonta ghal xejn inqas minn fastidju. Il-kliem tal-Blacks, kif hawn fuq citat jirrispekkja proprju dina is-sitwazzjoni fejn l-agir ta'l-imputat kien qieghed jikkawza '*alarm*' u '*substantial emotional distress that serves no legitimate purpose*.'

Illi il-ligi meta titkellem dwar il-fastidju titfa' il-piz tal-prova fuq l-imputat sabiex iressaq 'il quddiem gustifikazzjoni ghall-agir tieghu. Is-sub-inciz 2 jiddisponi:
"**Ghall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qieghda iggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf illi dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qjies ta' persuna ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.**"

Il-ligi ghalhekk taghmel it-test tal-'persuna ragjonevoli'. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv u cioe' jekk fil-fehma tal-persuna ragjonevoli l-imgieba kenitx tali li tahseb li dana jammonta ghal fastidju. Huwa l-persuna akkuzata imbaghad li ghandu iressaq il-prova illi l-imgieba tieghu fic-cirkostanzi kienet necessarja sabiex jinkixef xi delitt, jew inkella li l-imgieba tieghu kienet necessarja sabiex jikkonforma ruhu ma xi ligi jew xi regolament, jew li fic-cirkostanzi l-imgieba tieghu kienet wahda ragjonevoli u dana kif previst fis-sub-inciz 3. Illi dina l-prova l-imputat ma jaghmilhiex. Ma iressaq l-ebda prova ghajr ghall-istqarrija tieghu fejn huwa jinnega illi kien qieghed isegwi il-passi ta' Said jew inkella illi huwa kien heddidha li jaghmel vjolenza fil-konfront taghha. Illi ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi akkwizti fl-atti ma hemmx dubbju illi l-imputat kien qieghed isewgi il-passi ta' Nadia Said u li l-imgieba tieghu kienet qed tkun ta fastidju ghall-istess Said.

Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B, madanakollu, l-Qorti tqies illi ma hemmx provi sufficjenti fl-atti li jindikaw illi l-imputat kien qieghed ibezza' lil Said li

kien ser juza xi vjolenza fil-konfront taghha. Dana qed jinghad ghaliex ma hemmx prova fl-atti illi l-imputat hedded lil Said bil-mewt ghajr ghal dak li tallega hi fil-konfront tieghu illi f'xi okkazzjoni kien heddidha b'arma tan-nar. Illi ghalkemm Said tallega ukoll illi kien l-imputat li ghamlilha il-*puncture* fir-rota u li kien hu li ta n-nar lill-vettura taghha, madanakollu provi fl-atti dwar dan ma hemmx. Lanqas ir-rapport ta'l-espert Dr. Martin Bajjada ma jindika illi kien hemm xi messaggi ta' theddid fil-konfront tal-parti leza. Kwindi il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi huwa kien fil-pusess ta' arma tan-nar jew munizzjon jew imitazzjoni ta'l-istess filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra il-persuna ta' Nadia Said. Illi dina l-akkuza ma tirrizulta minn imkien fl-atti. Said tallega illi Fava heddidha b'arma tan-nar. Ma hemmx prova illi l-imputat ikkometta xi delitt fil-waqt li kien fil-pussess ta' dina l-arma billi t-theddida tammonta biss ghal reat kontravvenzjonali. Kwindi dina id-disposizzjoni tal-ligi ma tinkwadrax ruhu fil-fattspecje ta' dana il-kaz u l-imputat ser jigi illiberat mill-istess.

Illi fir-rigward ta'l-ahhar zewg akkuzi ta' natura kontravvenzjonali, id-difiza issostni illi dawn l-akkuzi huma preskritti bid-dekors ta' tlett xhur u dana ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9. Illi l-parti leza tallega illi l-episodju fejn l-imputat kien heddidha li ser joqtolha sehh madwar erba xhur qabel id-data indikata fl-akkuza. Ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti illi l-imputat hedded lil Said u ghalkemm hija tallega illi l-imputat kien ighidillha kliem ta' theddid, madanakollu ma tindikax iz-zmien meta dan allegatament sehh. Illi rapport dwar dana l-incident ma sarx u kwindi il-pulizija kienu prekluzi milli jiehdu passi kontra l-imputat qabel. Ghaldaqstant l-ahhar zewg akkuzi huwa indubbjament preskritti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251A(1)(2)(3)(4), 251C u 688(f), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1), 51(2) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta,

filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u it-tielet akkuzi u filwaqt li tiddikjara preskritti r-raba u il-hames akkuzi, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel u is-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3500).

Il-Qorti qed tordna il-konfiska tad-Dokumenti FT4 u FT5.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati fil-konfront ta' Nadia Said u dana ghal zmien tlett snin mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €419.71 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------